

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (¹) u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (²), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'nuqqas manifest ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti.
 - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet u tar-rwol tal-istess rikorrenti u li dan ma żvelax sensiela ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikorrenti ssostni ulterjorment li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni korretta tal-provi jew, mill-inqas, tali evalwazzjoni kienet manifestament żbaljata.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali għall-proprijetà tar-riktorrenti.

(¹) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 12).

(²) Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 5)

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Moreno Reyes vs Il-Kunsill

(Kawża T-552/18)

(2018/C 427/115)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Xavier Antonio Moreno Reyes (Karakas, Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (¹) u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (²), sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-argument li l-atti kkontestati huma vvizzjati b'nuqqas manifest ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti.
 - F'dan ir-rigward, ir-rikorrent isostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonijiet u tar-rwol tal-istess rikorrent u li dan ma żvelax sensiela ta' indikazzjonijiet preċiżi u konsistenti insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Ir-rikorrent isostni ulterjorment li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni korretta tal-provi jew, mill-inqas, tali evalwazzjoni kienet manifestament żbaljata.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-argument li l-miżuri restrittivi imposti mill-atti kkontestati jikkostitwixxu restrizzjoni inġustifikata u sproporzjonata tad-dritt fundamentali għall-proprijetà tar-rikorrent.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 12).

⁽²⁾ Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 1601, p. 5)

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Settembru 2018 – Rodríguez Gómez vs Il-Kunsill

(Kawża T-553/18)

(2018/C 427/116)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Delcy Eloina Rodriguez Gómez (Karakas, il-Venezwela) (rappreżentanti: F. Di Gianni u L. Giuliano, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/901 tal-25 ta' Ġunju 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ⁽¹⁾ u r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/899 tal-25 ta' Ġunju 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela ⁽²⁾, sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħhom jikkonċernaw lir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-atti kkontestati huma vvizzjati minn żball manifest ta' evalwazzjoni u nuqqas ta' provi preċiżi u konsistenti.
 - F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni fdak li jikkonċerna l-funzjonijiet u r-rwoli tar-rikorrenti u ma pprovidex provi preċiżi u konsistenti insostenn tat-teżi tiegħu. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li l-Kunsill naqas milli jwettaq evalwazzjoni xierqa tal-provi jew, tal-inqas, evalwahom b'mod manifestament żbaljat.